Programme d'éducation
et de formation
tout au long de la vie

Methods
www.languages.dk

# Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma



Methods 2013-1-FR1-LEO05-47980

Dan il-proġett hu ffinanzjat bl-għajnuna mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-opinjoni biss tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli ta' xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni inkluża fiha.

# WERREJ

TBĦ . . . . . . . . . . 3
"X'inhu Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma?" . . . . . . . . . . 3
X'inhuma l-vantaġġi ta' TBĦ? . . . . . . . . . . 5
Il-qafas strutturali ta' TBĦ . . . . . . . . . . 6
Kwistjonijiet marbuta mat-Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma . . . . . . . . . . 8
Attivitajiet tat-TBĦ . . . . . . . . . . 9
Eżempju 1 – Livell tal-Bidu . . . . . . . . . . 10
Eżempju 2 – Livell Intermedju Aktar Baxx . . . . . . . . . . 14
Eżempju 3 – Livell Intermedju . . . . . . . . . . 19
Xogħol b'siltiet . . . . . . . . . . 19

# Il-Metodoloġija tat-Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma

## 'X'inhu Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma?'

Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma (TBĦ) huwa mod differenti kif titgħallem lingwi. Jista' jgħin lill-istudent billi jqegħedhom f'sitwazzjoni simili għal dik ta' veru, sitwazzjoni fejn il-komunikazzjoni orali hi essenzjali biex tagħmel ħidma speċifika. Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma fih il-vantaġġ li jġiegħel lill-istudent juża l-ħiliet tiegħu fil-livell tagħhom biex jiżviluppa l-lingwa waqt li jużaha. Għandu l-vantaġġ li jġiegħel lill-istudent jiffoka fuq għan biex b'hekk il-lingwa ssir għodda u l-użu tal-lingwa jsir neċċessita`.

Għax għandek tuża Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma bħala metodu biex tgħallem lingwa? Ir-ridu nistaqsu lilna nfusna din il-mistoqsija għax jekk aħna, bħala għalliema tal-lingwa, ma nafux liema metodu qegħdin nużaw meta ngħallmu jew jekk ma naħsbux dwar il-metodoloġija tat-tagħlim skont it-tipi ta' studenti differenti, il-livelli, il-materjali u fl-aħħar il-proċess ta' tagħlim tal-individwu li qiegħed jitgħallem, nistgħu wkoll ma ngħallmu xejn!

Għalhekk, meta nagħżlu TBĦ, għandu jkun hemm skop ċar u definit għal dik l-għażla. Meta jkun intagħżel TBĦ bħala metodu għat-tagħlim ta' lingwa, l-għalliem jinduna li "t-tagħlim ma jiddeterminax u lanqas jista' jiddetermina l-mod kif se tiżviluppa l-lingwa ta' min ikun jitgħallem" u li "l-għalliema u dawk li jitgħallmu ma jistgħux jagħżlu x'għandu jkun mgħallem". Madankollu, l-għalliem għandu jkollu ħila jassessja l-progress ta' min ikun jitgħallem b'dan il-proċess. Għandu jkollu ħila jkun jaf fejn l-istudent wasal jew ma wasalx fit-tagħlim tiegħu tal-lingwa u jekk hux miexi fid-direzzjoni t-tajba biex jaddatta jew jipprovdi lil kull student l-għodda li jkollu bżonn biex jimxi 'l quddiem.

Fit-TBĦ l-istudent għandu jkun espost kemm jista' jkun għal-lingwa barranija biex jesperjenzaha u josservaha, imbagħad jipotesizza fuqha waħdu u fl-aħħar jesperimenta biha.

Għan ċar għax tuża TBĦ hu biex tkabbar l-attivita` ta' min ikun jitgħallem. It-TBĦ jimpurtah mill-attivita` tal-istudent u mhux tal-għalliem, u jistrieħ fuq l-għalliem biex joħloq u jipprovdi xogħol differenti li jagħti lill-istudent l-opportunita` li jesperimenta spontanjament, individwalment  u mill-ewwel bil-lingwa barranija. Kull taħriġ jipprovdi lill-istudent b'esperjenza ġdida bil-lingwa barranija, u hawnhekk l-għalliem għandu sehem importanti fit-tagħlim. Hu għandu jieħu r-responsabbilta` tal-proċess li jagħmel dak li jkun konxju, li għandu jiġi wara l-attivita` tat-taħriġ esperimentali. Il-parti tal-metodu tat-TBĦ fejn wieħed isir konxju hi kruċjali għas-suċċess tal-Ħidma. Hu propju hawn li l-għalliem għandu jgħin lill-istudenti biex jinduna b'differenzi u similaritajiet, jgħinhom "jikkoreġu, jikklarifikaw u jniżżlu aktar fil-fond" il-perċezzjonijiet tagħhom tal-lingwa barranija. (Michael Lewis). Fl-aħħar mill-aħħar, it-**TBĦ hu t-tagħlim tal-lingwa permezz ta' ħidma.**

"Ix-XOGĦOL hu attivita` li fiha l-lingwa magħżula tintuża minn min ikun jitgħallem bil-għan li jikkomunika biex jakkwista riżultat" skont id-definizzjoni ta' Willis. Dan ifisser li ħidma tista' tkun minn tisliba sa kif tirriserva biljett tal-ajru. It-tagħlim ta' lingwa abbażi ta' Ħidma:

- iħalli lok għal analizzazzjoni tal-ħtiġijiet biex jitqabblu mal-ħtiġijiet identifikati tal-istudent
- hu msaħħaħ mir-riżultati ta' riċerka dwar tagħlim tal-lingwa marbut mal-klassi
- jippermetti li l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq ittestjar li jirreferi għal kriterji mar buta ma' ħidma.
- Iħalli lok għal tagħlim iffukat fuq forma.

Mela għandna nagħżlu topiks li jimmotivaw dawk li jkunu jitgħallmu, li jġegħluhom joqogħdu attenti u li jsaħħu l-iżvilupp lingwistiku tagħhom b'mod effiċjenti kemm jista' jkun.

## X'inhuma l-vantaġġi tat-TBĦ?

1. It-tagħlim ibbażat fuq ħidma hu tajjeb għax idawwar il-proċess tat-tagħlim minn fuq l-għalliem għal fuq l-istudent.

2. Jagħti lill-istudenti mod ieħor kif jitgħallem il-lingwa bħala għodda minflok bħala skop speċifiku.

3. Jista' jibdel it-tagħlim minn għerf astratt għal applikazzjoni ta' affarijiet reali.

4. Ħidma sservi tajjeb biex tilħaq il-ħtiġijiet immedjati tal-istudenti u tipprovdi qafas biex toħloq lezzjonijiet li huma interessanti u jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-istudent.

5. Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma jagħti opportunita` lill-għalliema biex ivarjaw l-istrateġiji tat-tagħlim tagħhom.

6. It-TBĦ jirbaħ in-nuqqas ta' ħeġġa tal-istudenti li ma jogħġbuhomx il-lingwi barranin.

## Il-Qafas Strutturali ta' TBĦ

Il-qafas hawn isfel juri ċ-Ċiklu tat-TBĦ.



Hawn għandna spjegazzjoni qasira dwar il-fażijiet differenti:

Il-**Fażi ta' Motivazzjoni** hi importanti jekk irridu l-istudenti jkunu esposti kemm jista' jkun għal-lingwa barranija. Fir-realta` waqt it-tagħlim ta' kuljum naraw li meta jkunu flimkien l-istudenti aktarx jindirizzaw lil xulxin fil-lingwa nattivia tagħhom minflok fil-lingwa barranija li qegħdin jitgħallmu.

Biex nilħqu l-għan tagħna u qabel nibdew it-Taħriġ ta' Qabel, hu importanti li nippreżentaw lill-istudenti attivitajiet komunikattivi biex nippreparawhom mentalment biex jużaw esklużivament il-lingwa barranija. Jekk irridu li l-istudenti jassorbu ruħhom fl-attivitajiet, ma nistgħux ninsew li nagħżlu topik li jimmotivahom u li jogħġobhom.

Il-**Fażi ta' Taħriġ ta' Qabel** tintroduċi lill-klassi għat-topik u l-ħidma, waqt li tiġbor vokabularju u frażijiet marbuta mat-topik.

Iċ-**Ċiklu tal-Ħidma** joffri lil min ikun jitgħallem l-opportunita` li juża kemm jaf mil-ligwa barranija biex iwettaq l-attivita`, imbagħad biex itejjeb il-lingwa bl-għajnuna tal-għalliem, filwaqt li jippjanaw ir-rapporti tagħhom tal-attivita`. Pereżempju, f'dan l-istadju, l-istudenti jistgħu jagħmlu t-taħriġ bejn tnejn u l-għalliem jisma' d-djalogi. Imbagħad l-għalliem jgħinhom jikkoreġu t-taħriġ komplut verbalment jew bil-kitba. Wieħed mit-tnejn jagħmel id-djalogu quddiem il-klassi, u darba l-attivita` tkun lesta, l-istudenti jisimgħu l-għalliem jirrepeti l-istess djalogu biex ikunu jistgħu jqabbluh ma' tagħhom.

Il-**Fażi ta' Taħriġ ta' Wara** f'dan il-qafas, l-iffukar fuq il-lingwa, jippermetti għarfien aħjar ta' xi wħud mill-istrutturi jew fatturi speċifiċi wżati fil-lingwa magħżula matul iċ-ċiklu tal-attivita`.

Bħal ma semmejna qabel, l-għalliem jista' jassessja l-progress tal-istudenti waqt stadji differenti matul il-proċess tat-tagħlim. Ikun floku li tagħmel dan matul iċ-Ċiklu tal-Ħidma u/jew qabel it-*Taħriġ ta' Wara*

It-teknika meħtieġa għat-tagħlim marbut ma' ħidma mhix ħafna differenti minn dik użata waqt t-tagħlim ordinarju ta' lingwa. Id-differenzi jinsabu fl-ordni u l-importanza tal-attivitajiet u l-fatt li hemm ammont akbar ta' attivita` mill-istudent.

## Kwistjonijiet marbuta mat-Tagħlim Ibbażat fuq Ħidma

Hu importanti li tkun taf b'xi perikli marbuta mal-użu tat-tagħlim ibbażat fuq ħidma. Minħabba li tista' tħajjar lill-istudenti jużaw il-lingwa u l-vokabularju tagħhom, hu neċessarju għall-għalliem li jgħin lill-istudenti jwessgħu il-vokabularju fil-lingwa barranija, inkella l-istudenti ma jitgħallmux frażijiet jew kliem ġodda imma biss itejbu l-ħiliet fl-użu tal-lingwa li l-istudenti diġa` jħaddnu.

Din tista' tissolva billi ġġiegħel lill-istudenti jibdlu min ikunu jaħdmu miegħu, biex l-istudenti aktar tajbin jaħdmu mal-istudenti ta' livell inqas, bl-istudent it-tajjeb ikun imħeġġeġ jiffoka fuq użu ta' kliem u frażijiet aktar avvanzati. Din ma tgħinx l-istudenti t-tajba minkejja dan. Għal dan ikunu jeħtieġu l-għajnuna tal-għalliem.

Ħaġa oħra importanti li tiftakar hi li wara li ċ-**Ċiklu ta' Ħidma** jkun lest, il-proċess tat-tagħlim ma jkunx. Il-parti tal-evalwazzjoni hi kritika għall-istudenti biex jagħrfu t-tagħlim li jkunu għadhom kemm kisbu. Bażikament hemm żewġ partijiet li huma ta' importanza ndaqs fil-proċess tat-tagħlim ibbażat fuq ħidma. L-ewwel hi li tagħmel ix-xogħol u taħdem l-attivitajiet, it-tieni hi li ġġiegħel l-istudent jaħseb dwar dak li jkun għadu kif għadda minnu. Jekk l-għalliem ma jkomplix ix-xogħol mibdi u jistħarreġ fit-**Taħriġ ta' Wara**, nofs il-proċess tat-tagħlim ibbażat fuq attivita` jintilef.

# Attivitajiet tat-TBĦ

## Eżempji

**Għajnuniet utli:**

- Uża l-lingwa barranija kemm jista' jkun.
- Uża l-ilsien nattiv biss meta meħtieġ biex tispjega t-taħriġ.
- It-Taħriġ ta' Qabel għandu l-għan li joħloq atmosfera tajba għat-tagħlim mingħajr ansjeta`. Agħti kliem u sentenzi relatati biex jintużaw mill-istudenti.
- It-Taħriġ ta' Qabel għandu jipprovdi kliem, frażijiet u ideat biex jgħinu lill-istudent individwali fit-Taħriġ Prinċipali.
- Ftakar li Taħriġ ta' Qabel jista' jkun kwalunkwa ħaġa li tqajjem interess, pereżempju:

– Smigħ ta' silta
– Klipp ta' vidjo
– Attivita` ta' brainstorming
– Taħriġ qasir (imla fejn meħtieġ, tisliba, etc)
– Ritratti (x'qegħdin taraw?)
– Paġna tal-web (x'qegħdin taraw?)

Dak kollu li jippromowtja l-lingwa barranija u jissettja moħħ l-istudenti f'ċertu kuntest u atmosfera.

- It-T**aħriġ Prinċipali** jrid iħaffef proċess fejn kull student jista' jattiva u jużа l-istrateġiji tiegħu.
- Sehem l-għalliem fit-**Taħriġ Prinċipali**: jieħu ħsieb jara xi progress ikun isir fil-proċessi tal-istudenti waqt li jaħdmu t-**Taħriġ Prinċipali.**
- Ftakar fl-importanza tal-aħħar pass, l-Attivitajiet li Jiffukaw fuq il-Lingwa:

– L-istudenti jirrepetu l-proċess u x-xogħol tagħhom mat-Taħriġ Prinċipali – din trid issir fil-klassi – il-proċess juri lill-istudent li l-lingwa hi diversa u li ħafna strutturi u kliem differenti jagħtu tifsira u jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni. Fi kliem ieħor, m'hemmx rabta bejn Forma u Funzjoni. Forma waħda (struttura) tista' taqdi funzjonijiet differenti, u funzjoni waħda tista' titwettaq billi jintużaw forom differenti.

– L-għalliem għandu jiġbed l-attenzjoni għal punti grammatikali u semantiċi relevanti fl-aħħar fażi taċ-Ċiklu tat-TBĦ.

## Eżempju 1 – Livell tal-Bidu

**Il-Malti għal Skopijiet Speċifiċi – Malti Tekniku**

# GĦODOD: "X'inhu dan l-apparat?"

### Taħriġ ta' Qabel

- Għid lill-istudenti jagħtuk ismijiet ta' għodod. Iktibhom fuq il-bord. Żid ukoll sentenzi standard bħal "dan hu martell", "dan hu spaner", u l-bqija.

- Ġib kaxxa tal-għodda u uri għodda ta' vera lill-istudenti. Għid jew ġegħelhom jgħidu "Dan hu martell" u l-bqija.

- Jekk tista', uri vidjo ta' istruzzjoni qasir fejn xi għodod tipiċi qegħdin jintużaw u fejn il-lingwa mhix diffiċli ħafna. Ħalli l-istudenti jżidu ismijiet ta' għodod fuq il-bord.

- Ipprepara logħba tal-memorja b'għodod magħżula (10 – 15). Il-logħba tal-memorja trid tikkonsisti fi stampi u ismijiet ta' għodod miktubin.

- Aqsam il-klassi fi gruppi ta' 3 – 4 studenti u ħalli żewġ gruppi jilagħbu kontra xulxin fil-logħba tal-memorja. Tilgħabx il-logħba b'żewġ studenti biss fil-logħba. Din tista' toħloq ħafna biża' u ansjeta` lill-istudent individwali li ma jistax jiftakar l-għodod kollha u jagħmel bil-maqlub ta' dak li hu maħsub li jsir fit-taħriġ ta' qabel – jiġifieri li jinħoloq ambjent ta' tagħlim tajjeb u li jilqgħek.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Riga** |  | **Martell** |  |
| **Turnavit** |  | **Serrieq** |  |
| **Plajer** |  | **Tester** |  |
| **Ġakk** |  | **Drill** |  |

- Ilgħab il-logħba tal-memorja bit-taħriġ "X'inhu dan l-apparat?" għall-grupp kollu. Dan għandu jsir mill-għalliem.

- Ħalli lill-istudent jara s-sentenzi waħda waħda (ara isfel għas-sentenzi) billi tgħidilhom jgħattu l-bqija. Għandhom jaqraw u jifhmu kull sentenza. Ħalli student jaqra sentenza b'leħen għoli, u ħalli lill-oħrajn jgħinu fit-traduzzjoni, sabiex dan jinbidel f'taħriġ bejn kulħadd.

- Meta s-sentenzi kollha jkunu ntwerew kollha, l-istudenti aktarx ikollhom ħila jaqtgħu l-isem tal-apparat/għodda.

**X'inhu dan l-apparat?**

1. Din l-għodda hi itwal milli wiesgħa.
2. Dan l-apparat jista' jinżamm f'idek.
3. Din l-għodda magħmula minn injam u metall.
4. Dan l-apparat jista' jkollu qisien differenti.
5. Din l-għodda tintuża biex tqiegħed affarijiet oħra f'posthom.
6. Trid tuża enerġija għal din l-għodda.
7. Trid tgħolli u tniżżel minkbejk biex tuża dan l-apparat.
8. Trid din l-għodda biex iddendel xi ħaġa mal-ħajt.
9. Tuża din l-għodda biex issammar.

Ipprova aqta' l-isem ta' din l-għodda.

F'dan l-istadju tal-proċess l-għalliem jista' jiċċekkja li l-istudenti baqgħu jiftakru l-ismijiet differenti tal-għodod billi jurihom l-istampi u jistaqsihom x'inhuma. B'dan tiżgura li l-istudenti, l-aktar dawk batuti, għandhom kliem biżżejjed mnejn jagħżlu biex issir l-Attivita` Prinċipali.

## It-Taħriġ Prinċipali

- L-istudenti issa għandhom jinqasmu fi gruppi ta' tnejn jew tlieta min-nies. Kull grupp issa jrid joħloq sett ta' sentenzi "X'inhu dan l-apparat?" Iridu jagħżlu għodda mil-logħba tal-memorja.
- L-għalliem għandu jħalli sentenzi u frażijiet ta' għajnuna fuq il-bord biex jintużaw mill-istudent jekk ikun hemm bżonn.
- L-għalliem jara l-proċess tal-produzzjoni fi gruppi differenti u jgħin biss fejn meħtieġ.
- It-taħriġ tal-istudent għandu jinkiteb, biex ikun jista' jintuża jew bħala taħriġ orali jew taħriġ għall-qari.
- Meta l-gruppi kollha jkunu lestew taħriġ u jkun sodisfatti bir-riżultat, il-gruppi jridu jittestjaw it-taħriġ ma' other gruppi.

**Attivitajiet iffukati fuq il-Lingwa**

- Meta il-gruppi jkunu ppruvaw it-taħriġ diversi drabi ma' gruppi differenti, l-għalli em irid jiġbor mill-ġdid il-klassi biex jieħu f'idejh il-proċess.

- L-għalliem issa jrid isejjaħ grupp u jgħidilhom jirrepetu t-taħriġ tagħhom u juru kull sentenza fuq il-bord. L-għan hu li tingħata attenzjoni sħiħa lill-produzzjoni tal-lingwa ta' dan il-grupp partikolari, biex iħarsu lejn is-sentenzi, l-għażla tal-kli em u l-istrutturi grammatikali.

- Hawnhekk l-għalliem jista' jislet eżempji tajbin mill-produzzjoni tal-istudent u jista' fl-istess ħin jiddiskuti punti grammatikali speċifiċi. Gruppi oħrajn jistgħu jagħmlu suġġerimenti u jistaqsu mistoqsijiet.

- Hawn hu l-waqt u l-lok għall-għalliem li jiġbed l-attenzjoni għal xi affarijiet li ġew osservati mill-għalliem waqt ix-xogħol fi grupp.

- Din l-attivita` trid terġa' ssir u tal-inqas żewġ gruppi jew tlieta għandhom jip preżentaw it-taħriġ tagħhom. B'hekk it-tagħlim tal-grammatika jsir attivita` ħajja u relevanti għall-istudenti għax ikunu lkoll tkellmu dwar u ħadu sehem fl-eżempji li jkunu wżati għall-ispjegazzjoni tar-regoli grammatikali.

## Eżempju 2 – Livell Intermedju aktar baxx

**Malti għal Skopijiet Speċifiċi – Malti Tekniku**

AMBJENT PROFESSJONALI TAL-POMPIERA

**Class:** Tal-Ħames Sena tas-Sekondarja fis-Saħħa u l-Prevenzjoni
**Tul:** 7 sigħat
**X'mistenni mil-lezzjoni:**

**It-Taħriġ ta' Qabel** hu bbażat fuq komunikazzjoni orali u viżwali. F'dan l-istadju l-għalliem iqis li:

- jqanqal kurżita` intellettwali
- jħeġġeġ entużjażmu għal suġġett li l-istudenti għażlu bħala speċjalita`
- jagħti taħriġ lill-klassi kollha
- jżomm il-motivazzjoni tal-istudenti
- jtejjeb il-ħiliet tal-lingwa tagħhom billi jsaħħaħ il-vokabularju tagħhom bl-użu ta' flexxkards
- jagħmel it-tagħlim aktar pjaċevoli billi juża attivitajiet ta' logħob
- jinvolvi studenti b'ħiliet ta' smigħ, viżwali u kinestetiċi.

Matul dan l-istadju, tingħata attenzjoni lill-pronunzja tal-istudenti u kull progress tal-istudent jkun assessjat.

**It-Taħriġ taċ-Ċiklu** hu bbażat fuq komunikazzjoni interattiva (ħidma fi grupp):

- biex tħeġġeġ lill-istudenti jużaw il-vokabularju adattat marbut mas-suġġett
- biex iddarrihom jisimgħu bl-attenzjoni studenti oħrajn
- biex tgħinhom jakkwistaw u jikkonsolidaw dak li jafu u l-ħiliet.

**It-Taħriġ ta' Wara**

- Biex iħarreġ studenti biex jagħżlu u jużaw vokabularju kif suppost.

## I – TAĦRIĠ TA' QABEL

**L-Ewwel Pass: Għarfien ta' vokabularju marbut mat-tifi tan-nar.**

Istruzzjoni: Għid lill-istudenti jsibu l-kliem moħbi fil-gradilja tal-kliem hawn taħt.

**Tiftix il-Kelma dwar Pompieri**

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | E | T | T | H | O | M | S | H | N | C | L | L | S |
| Y | S | V | I | A | R | I | A | Y | I | S | R | A | T |
| H | M | T | O | A | E | W | F | D | E | H | E | D | A |
| Y | O | I | L | L | I | H | E | R | H | E | H | D | I |
| C | K | A | N | N | U | M | T | A | O | L | S | E | B |
| N | E | P | D | F | A | N | Y | N | B | M | I | R | L |
| E | N | O | M | R | E | B | T | T | R | E | U | E | A |
| G | W | E | A | U | T | R | L | E | A | T | G | U | I |
| R | R | P | T | E | P | R | N | A | E | B | N | C | N |
| E | N | O | I | T | A | T | S | O | Z | R | I | S | F |
| M | N | E | R | I | S | E | S | O | H | E | T | E | H |
| E | A | R | O | T | C | E | T | E | D | H | X | R | A |
| U | N | I | F | O | R | M | B | U | R | N | E | E | T |
| E | R | I | F | A | Y | R | E | V | A | R | B | B | U |

Alarm
Blaze
Bravery
Burn
Detector
Emergency
Extinguisher
Fire
Hat

Heat
Helmet
Hose
Hydrant
Inferno
Ladder
Net
Paramedic
Pump

Rescue
Safety
Siren
Smoke
Station
Uniform
Volunteer
Window

**It-Tieni Pass: Ipprova aqta' t-tifsira bil-Franċiż tal-kelma Maltija.**

Vokabularju

| MALTI | FRANĊIŻ |
|---|---|
| Alarm | |
| Ċilindru | |
| Didekter | |
| Duħħan | |
| Elmu | |
| Emerġenza | |
| Fjamma | |
| Ħruq | |
| Idrat | |
| Infern | |
| Kuraġġ | |
| Manka | |
| Nar | |
| Paramediku | |
| Pompa | |
| Salvataġġ | |
| Sellum | |
| Sħana | |
| Sigurta` | |
| Sirena | |
| Stazzjon | |
| tieqa | |
| Uniformi | |
| Voluntier | |
| Xibka | |

**It-Tielet Pass: Żamma f'moħħok tal-vokabularju**

- Ripetizzjoni tal-kliem: flimkien, waħda waħda, b'leħen għoli, b'leħen baxx
- L-għalliem jgħid lill-istudenti biex iħarsu lejn il-lista ta' kliem għal 3 minuti u wara jdawruha wiċċa 'l isfel. Student jagħti l-ewwel żewġ ittri ta' xi kelma u l-oħrajn jippruvaw jaqtgħuha u jispellu l-bqija tal-kelma meħuda mil-lista.
- Student ieħor jimmima xi kelmiet meħudin mil-lista u l-oħrajn iridu jsibuhom.

**Ir-Raba' Pass: Identifika l-apparat differenti wżat mill-pompiera bi flexxkards ta' kliem meħud minn Tiftix il-Kelma u kliem ġdid.**

- L-għalliem juri l-flexxkards t'hawn taħt waħda waħda, imbagħad l-istudenti jirrepetu l-kliem: "X'inhi din?" "Din hi...".
- L-għalliem iwaħħal il-flexxkards fuq il-bord u jilgħab il-logħba "X'hemm nieqes?" billi jneħħi flexxkard.
- L-għalliem jagħti lill-istudenti taħriġ ta' tqabbil biex jerġgħu jużaw il-vokabularju = sellum, uniformi, alarm, elmu, ingwanti, maskla tal-ossiġnu, ambulanza, vettura tat-tifi tan-nar, buwz, mannara, manka, ċilindru, fjamma, idrant.




1) ____________



2) ________________



3) _____________



4) ______________




5) _____________



6) ____________________



7) _________________________



8) ___________________



9) __________________



10) ____________________



11) _____________



12) _____________



13) ____________



14) ____________

**Il-Ħames Pass:** Żamma f'moħħok tal-bqija tal-kliem meħud minn Tiftix il-kelma. Flexxkards b'ittri mħawdin jitwaħħlu fuq il-bord u l-istudenti jersqu lejn il-bord biex jiktbu sew il-kliem.

| | | |
|---|---|---|
| 1. URĠAĠKA: kuraġġ | 2. ATQAĦR: taħraq | 3. RNA: nar |
| 4. FNERNI: ifern | 5. ARPAIKEMUD: paramediku | 6. ĦNASA: sħana |
| 7. ASIRNE: sirena | 8. AZREMENEĠ: emerġenza | 9. BAKIX: xibka |
| 10. IDKETORT: ditekter | 11. AVLASĠĠAT: salvataġġ | 12. MPOAP: pompa |
| 13. URGISAT: sigurta` | 14. ZJAZNOTS: stazzjon | 15. IEQTA: tieqa |
| 16. IETLROVNU: voluntier | | |

**Is-Sitt Pass:** L-użu tal-vokabularju f'każ ta' emerġenza. Introduzzjoni ta' dawn l-istrutturi: "X'għandu bżonn/x'irid juża pompier f'każ ta' emerġenza? Hu jew Hi jeħtieġ/teħtieġ juża/tuża..." Jingħataw erba' sitwazzjonijiet lill-istudenti u huma jridu jkomplu s-sentenzi bl-użu tal-vokabularju mgħallem fil-passi ta' qabel.

- Sitwazzjoni 1: Qbid ta' dar ta' xi ħadd = Hu jew Hi juża/tuża l-vettura tat-tifi tan-nar...
- Sitwazzjoni 2: Inċident ta' karozza = Hu jew Hi juża/tuża l-ambulanza...
- Sitwazzjoni 3: Qattus f'siġra = Hu jew Hi għandu/għandha bżonn mannara, sellum...
- Sitwazzjoni 4: Duħħan f'bini = Hu jew Hi għandu/għandha bżonn maskla tal-ossiġnu...

**Is-Seba' Pass:** Assessjar = Oral u Taħriġ il-Fehem (bil-miktub)
- Dettatura tal-kliem marbut mas-suġġett
- Taħriġ fejn trid timla fil-vojt

## II – Iċ-Ċiklu tal-Ħidma

- Xogħol fi gruppi (4 membri)
- Il-membri jridu jimmaġinaw każ ta' emerġenza u jridu jiddefinixxu r-rwoli tagħhom.
- Iridu joħolqu djalogu u jużaw il-vokabularju u l-istrutturi li raw qabel and jutilizzaw kliem u strutturi li tgħallmu f'lezzjonijiet ta' qabel.
- Huma jaħdmu weħidhom imma jistgħu jiġu mgħejjuna mill-għalliem jekk jeħtieġu aktar vokabularju.
- L-għalliem jagħtihom ħin biex jipprattikaw oralment u jkunu lesti biex jibdew. Jistgħu jġibu affarijiet jekk meħtieġa.
- Qabel jibdew jirreċtaw, membru minn kull grupp irid jintroduċi l-każ ta' emerġenza lill-klassi

## III – Taħriġ ta' Wara

**L-Ewwel Pass:** identifika t-tempijiet użati fid-djalogi, il-mistoqsijiet u t-tweġibiet:
- Il-Preżent Kontinwu
- L-Imperfett

**It-Tieni Pass**: Identifika l-istrutturi wżati fid-djalogi:
- Ordnijiet = Ejja mmorru! Idħol. Għinni! Attent!  Indikattiv Preżent + x.
- Strutturi oħra

**It-Tielet Pass**: Ikklassifika kliem ġdid fl-ordni alfabetiku ta' kaxxa tal-għodda = ħa nifs (verb)/apparat tan-nifs/għonq ċervikali/defibrillatur/sejħa ta' emerġenza/korrut/ċilindru tal-gass/xxukkjat/pożizzjoni ta' rkuprar/streċer.

## Eżempju 3 – Livell Intermedju

# Xogħol b'siltiet

Tista' malajr tuża l-metodu TBĦ biex taħdem fuq siltiet f'livell intermedju. Kull ma trid tagħmel hu li tkun kreattiv u li sempliċiment taħseb kif tista' ddawwar il-qari ta' silta f'ħidma għall-istudenti.

Żewġ mistoqsijiet importanti dwar it-teknika tat-"Tagħlim tal-lingwa permezz ta' ħidma" huma:
1. "x'ħidma hi din?"
2. "għalxiex?"

L-għażla tal-attivitajiet u l-ordni tagħhom huma importanti biex l-istudenti jibqgħu motivati.
Iridu jkunu f'ordni mill-ħafif għat-tqil u pjaċevoli kemm ikun possibbli.

Il-ħaġa l-oħra li trid tiftakar hi li meta s-suġġetti fid-dokumenti jkunu relatati mal-qasam tal-istudju tal-istudenti, huma juru aktar interess. Minn dan l-aspett, il-mistoqsija "għal min?" hi wkoll fattur importanti li m'għandux jiġi injorat.

Anki jekk l-għalliem ma jżommx kontroll tal-proċess tat-tagħlim kollu, għax hu qiegħed jimmira li jagħti lill-istudenti awtonomija massima, hu xorta jrid jiddetermina stadji biex jiżgura li kull student jimxi 'l quddiem skont ma jiflaħ lejn l-għan aħħari.

Dawn l-attivitajiet jippruvaw jieħdu konsiderazzjoni ta' dawn il-fatturi:
F'dan l-eżempju, il-komunikazzjoni matul il-lezzjoni hi bil-Malti. L-attivitajiet huma varjati sabiex tgħin lill-istudenti jtejbu ħiliet diversi. Huma jridu jiffurmaw kliem, iqabblu kliem ma' stampi, iqabblu kliem ma' definizzjonijiet, jaqraw dokument, jagħmlu assunzjonijiet

dwar il-kontenut tiegħu, jiċċekkjaw, jidentifikaw elementi komparattivi fid-dokument u fl-aħħar jesprimu ruħhom bil-kitba u wara oralment.
L-oġġettivi huma:

- biex ittejjeb il-ħiliet lingwistiċi
- biex tiżviluppa ħiliet tal-qari: taħriġ biex tislet it-tifsira ta' kelma (Taħriġ prinċipali)
- biex tipprattika ħiliet tal-kitba: tesprimi preferenzi (taħriġ ta' wara)
- biex tuża tassew il-ħiliet tat-taħdit (taħriġ ta' qabel, taħriġ prinċipali, taħriġ ta' wara)
- Biex ittejjeb ħiliet komunikattivi billi tkabbar il-vokabularju (taħriġ ta' qabel, taħriġ
- prinċipali, taħriġ ta' wara)
- dwar l-evoluzzjoni ta' teknoloġiji ġodda f'xi pajjiżi.

Dawn l-attivitajiet huma għall-studenti li jkunu jistudjaw l-Elettronika f'livell intermedju (fi skola vokazzjonali, pereżempju)

**Tul: madwar 3 sigħat**
- Taħriġ ta' qabel: Siegħa
- Taħriġ prinċipali: Siegħa (ħalli ħin biex jidħlu fil-lezzjoni qabel ma tibda t-Taħriġ Prinċipali)
- Taħriġ ta' wara: Siegħa

**It-taħriġ kollu aħjar jinħadem fi gruppi ta' tnejn.**
**It-Taħriġ ta' Qabel**
**L-Ewwel Pass: Islet element minn kull kolonna biex tgħaqqad kliem relatat ma' teknoloġiji ġodda.**

| A | B | A+B |
|---|---|---|
| komp | dem | |
| mow | onlajn | |
| kamera | bajl | |
| logħob | bla wajer | |
| tid | tal-teknoloġija għolja | |
| industrija | diġitali | |
| mow | bil-miktub | |
| telefon | diġitali | |
| ru | dawnlowdja | |
| ser | juter | |
| messaġġi | ver | |
| tablit | ter | |

**It-Tieni Pass:** **Qabbel il-kliem misjub fl-Ewwel Pass mal-istampi hawn taħt.**

| | | |
|---|---|---|
|  |  |  |
|  |  |  |
|  |  |  |
|  |  |  |

**It-Tielet Pass:** **Ikteb kull kelma ħdejn id-definizzjoni tagħha.**

- *tiddawnlowdja*
- *industrija ta' teknoloġija għolja*
- *servers*
- *imqabbad*
- *megabits*
- *modems*
- *messaġġ bil-miktub*
- *kompjuter*
- *broadband*
- *tul ta' film*
- *mowbajl*
- *onlajn*
- *ruter*

| Kliem | *Definizzjonijiet* |
|---|---|
| | *Telefon mobbli li jaħdem b'sistema ta' radju ċellulari.* |
| | *Magna elettronika li tista' taħżen u timmaniġġja ammonti kbar ta' informazzjoni.* |
| | *Tikkopja (dejta) minn sistema ta' kompjuter għal oħra, tipikament bl-Internet.* |
| | *Komunikazzjoni elettronika mibgħuta u rċevuta b'mowbajl.* |
| | *Juża, jeħtieġ jew involut f'teknoloġija għolja.* |
| | *Apparat ikkombinat għall-modulazzjoni jew demodulazzjoni, pereżempju bejn id-dejta diġitali ta' kompjuter u s-sinjal analogu ta' linja tat-telefon.* |
| | *Apparat li jlaqqa' r-rotot ta' trasmissjoni ta' pakketti ta' dejta fuq netwerk ta' komunikazzjoni elettronika (bħall-Internet).* |
| | *Kompjuter jew programm tal-kompjuter li jimmaniġġja l-aċċess għal riżorsa ċentralizzata jew servizz f'netwerk.* |
| | *Ta' tul ta' film jew programm tipiku* |
| | *Junit ta' qies ta' dejta jew (meta muri kull sekonda) veloċita` ta' netwerk, daqs miljun jew (eżattament) 1,048,576 bit.* |
| | *Tagħmel użu minn kompjuters biex tittrasferixxi jew tirċievi informazzjoni, speċjalment bl-Internet. (Ta' apparat jew netwerk) tuża wajers jew kejbils aktar milli teknoloġija bla wajers biex tittrasmetti sinjali.* |
| | *Teknika ta' trasmissjoni ta' kapaċita` għolja li tuża medda wiesgħa ta' frekwenzi, li tippermetti għadd kbir ta' messaġġi jkunu kkomunikati fl-istess ħin.* |
| | *Ikkontrollat minn jew kkonnettjat ma' kompjuter.* |

## Taħriġ Prinċipali

***Il-futur hu l-Korea t'Isfel***
***Kumpaniji tat-teknoloġija jvaraw l-aħħar teknoloġija fis-soċjeta` l-aktar imqabbda fid-dinja***

*Birgitta Forsberg, Chronicle Staff Writer* *il-Ħadd, 13 ta' Marzu, 2005*

*Aqbad il-mowbajl u ara l-programm favorit tiegħek. Id-dar, fuq il-kompjuter, iddawnlowdja film ta' tul normali f'kemm ilni ngħidlek.*

*Jekk tgħix il-Korea t'Isfel, hi xi ħaġa ta' kuljum li jkollok internet veloċi dejjem imqabbad – broadband – kemm mal-mowbajl u kemm id-dar.*

*Il-Korea t'Isfel hi l-aktar pajjiż imqabbad fid-dinja. Xi Koreani t'Isfel jistgħu jirċievu sa 20 megabit ta' dejta kull sekonda – veloċita` immensa skont l-istandards tallum. L-Amerikani għandhom xorti jirċievu 4 megabits is-sekonda.*

*Filwaqt li l-Korea t'Isfel qiegħda fuq quddiem fejn jidħol broadband, l-Istati Uniti – li suppost huma tal-ewwel fit-teknoloġija fid-dinja – ma jaqbżux it-13, skont l-esperti. Il-Korea t'Isfel madwar 76 fil-mija tad-djar għandhom broadband. Il-figura hi 30 fil-mija fl-Istati Uniti.*

*Filwaqt li l-broadband hu ġeneralment assoċċjat ma' kompjuters, telefons bla wajer hu wkoll parti mill-istorja. Hawn is-sitwazzjoni tixbaħ lil dik tal-kompjuters. Xi 75 fil-mija tal-Koreani t'Isfel għandhom mowbajl, imqabbel ma' 60 fil-mija tal-Amerikani. U l-Koreani t'Isfel isibu ħafna aktar x'jagħmlu bil-mowbajls tagħhom.*

*"M'hemm imkien fil-Korea fejn toqgħod bla ma tirċievi sinjal," qal Joy King, direttur tal-promozzjoni indstrijali ma' Hewlett-Packard. "Fl-Istati Uniti, għadna fil-livell ta' ti-stax-tismagħni-issa. Meta l-Ewropa u l-Asja resqin lejn messaġġi bil-miktub multimidjali, l-Istati Uniti għadhom kemm bdew messaġġi bil-miktub. L-Istati Uniti hi pajjiż tat-Tielet Dinja f'dan ir-rigward."*

*Silicon Valley kien meqjus il-kapitali tat-teknoloġija għolja fid-dinja. Issa ħafna jqisu l-Korea t'Isfel qiegħda tirrenja.*

*"Kif naraha jien, silicon Valley m'għandux dan ir-rwol. It-tmun qiegħed f'idejn l-Asja, il-Korea u l-Ġappun, bla dubju," qal King.*

*Il-Korea t'Isfel taqbeż sew l-Istati Uniti fl-użu kemm tal-broadband u kemm tal-mowbajls grazzi għal popolazzjoni densa li tagħmel il-konnettivita` eħfef u l-politka tal-gvern li tippromovi l-iżvilupp. Il-Korea t'Isfel għandha l-kultura fejn in-nies huma mġienen fuq logħob onlajn u ma jmorrux id-dar wara x-xogħol. Minflok, huma joħorġu jieklu, jmorru l-karaoke jew il-bar – waqt li l-ħin kollu jużaw il-mowbajls.*

*Kumpaniji fis-Silicon Valley jħarsu lejn il-Korea t'Isfel bħal qisha magna taż-żmien meta jittestjaw applikazzjonijiet tal-broadband, post mnejn jistgħu jieħdu idea ta' x'ħa jużaw l-Amerikani fil-futur.*

*L-istorja ta' suċċess tal-Korea t'Isfel bdiet meta il-pajjiż intlaqat minn kriżi finanzjarja fl-1997 u l-1998.*

*"F'dak iż-żmien, il-gvern Korean dar fuq l-industrija tat-teknoloġija għolja biex isib tarf tal-kriżi. Il-broadband kien suq ġdid b'domanda ġdida għal modems, ruters, servers, kompjuters, infrastruttura ġdida. Din ġabet magħha ħafna attivita` u ħolqot ħafna impiegi," qal Kim tal-iPark f'Silicon Valley.*

*Il-Korea t'Isfel hi wkoll pajjiż żgħir fejn 30 fil-mija tat-48.6 miljun abitant tagħha jgħixu fi tlett ibliet – u ħafna minnhom fi blokki ta' fletts iffullati.*

*Hu irħas u eħfef li tqabbad blokk ta' fletts milli belt mifruxa u s-subborgi tagħha bħalma naraw l-Amerka, mingħajr ma nsemmu n-naħiet rurali wisgħin tal-pajjiż.*

*"Waqt li nsuq il-karozza nista' ngawdi t-telefon ċellulari li jxandar minn fuq l-internet fl-istess waqt li jkolli għaddej is-servizz tal-mappa ta' Yahoo," qal Kim. "Nista' naqbel mill-wieħed għall-ieħor. Il-provi diġa` saru, il-kumpaniji se jibdew ibigħu dawn l-applikazzjonijiet għal nofs is-sena."*

Dan l-artiklu deher f'paġna B – 1 ta' San Francisco Chronicle.

**L-Ewwel Pass:** **Aqra dawn is-siltiet**

| Siltiet | Nru. |
|---|---|
| *Aqbad il-mowbajl u ara l-programm favorit tiegħek. Id-dar, fuq il-kompjuter, iddawnlowdja film ta' tul normali f'kemm ilni ngħidlek.*<br><br>*Jekk tgħix il-Korea t'Isfel, hi xi ħaġa ta' kuljum li jkollok internet veloċi dejjem imqabbad – broadband – kemm mal-mowbajl u kemm id-dar.*<br><br>*Il-Korea t'Isfel hi l-aktar pajjiż imqabbad fid-dinja. Xi Koreani t'Isfel jistgħu jirċievu sa 20 megabit ta' dejta kull sekonda – **veloċita` immensa** skont l-istandards tallum. L-Amerikani għandhom xorti jirċievu 4 megabits is-sekonda.*<br><br>*Filwaqt li l-Korea t'Isfel qiegħda fuq quddiem fejn jidħol broadband, l-Istati Uniti – li suppost huma tal-ewwel fit-teknoloġija fid-dinja – ma jaqbżux it-13, skont l-esperti.* | 1 |
| *Il-Korea t'Isfel madwar 76 fil-mija tad-djar għandhom broadband. Il-**figura** hi 30 fil-mija fl-Istati Uniti.*<br>*Filwaqt li l-broadband hu ġeneralment assoċċjat ma' kompjuters, telefons bla wajer hu wkoll parti mill-istorja. Hawn is-sitwazzjoni tixbaħ lil dik tal-kompjuters. Xi 75 fil-mija tal-Koreani t'Isfel għandhom mowbajl, imqabbel ma' 60 fil-mija tal-Amerikani. U l-Koreani t'Isfel isibu ħafna aktar x'jagħmlu bil-mowbajls tagħhom.* | 2 |
| *"M'hemm imkien fil-Korea fejn toqgħod bla ma tirċievi sinjal," qal Joy King, direttur tal-promozzjoni indstrijali ma' Hewlett-Packard. "Fl-Istati Uniti, għadna fil-livell ta' tistax-tismagħni-issa. Meta l-Ewropa u l-Asja resqin lejn messaġġi bil-miktub multimidjali, l-Istati Uniti għadhom kemm bdew messaġġi bil-miktub. L-Istati Uniti hi pajjiż tat-Tielet Dinja f'dan ir-rigward."* | 3 |
| *Silicon Valley kien **meqjus** il-kapitali tat-teknoloġija għolja fid-dinja. Issa ħafna jqisu l-Korea t'Isfel qiegħda tirrenja.*<br><br>*"Kif naraha jien, silicon Valley m'għandux dan ir-rwol. It-tmun qiegħed f'idejn l-Asja, il-Korea u l-Ġappun, bla dubju," qal King.*<br><br>*Il-Korea t'Isfel **taqbeż sew** l-Istati Uniti fl-użu kemm tal-broadband u kemm tal-mowbajls grazzi għal popolazzjoni densa li tagħmel il-konnettivita` eħfef u l-politka tal-gvern li tippromovi l-iżvilupp.* | 4 |
| *Il-Korea t'Isfel għandha l-kultura fejn in-nies huma mġienen fuq logħob onlajn u ma jmorrux id-dar wara x-xogħol. Minflok, huma joħorġu jieklu, jmorru l-karaoke jew il-bar – waqt li l-ħin kollu jużaw il-mowbajls.*<br><br>*Kumpaniji fis-Silicon Valley jħarsu lejn il-Korea t'Isfel bħal qisha magna taż-żmien meta jittestjaw applikazzjonijiet tal-broadband, post mnejn jistgħu jieħdu **idea** ta' x'ħa jużaw l-Amerikani fil-futur.* | 5 |

| | |
|---|---|
| *L-istorja ta' suċċess tal-Korea t'Isfel bdiet meta il-pajjiż intlaqat minn kriżi finanz-jarja fl-1997 u l-1998.*<br><br>*"F'dak iż-żmien, il-gvern Korean dar fuq l-industrija tat-teknoloġija għolja **biex isib tarf** tal-kriżi. Il-broadband kien suq ġdid b'domanda ġdida għal modems, ruters, servers, kompjuters, infrastruttura ġdida. Din ġabet magħha ħafna attivi-ta` u ħolqot ħafna impiegi," qal Kim tal-iPark f'Silicon Valley.* | 6 |
| *Il-Korea t'Isfel hi wkoll pajjiż żgħir fejn 30 fil-mija tat-48.6 miljun abitant tagħha jgħixu fi tlett ibliet – u ħafna minnhom fi blokki ta' fletts iffullati.*<br><br>*Hu irħas u eħfef li tqabbad blokk ta' fletts milli belt **mifruxa** u s-subborgi tagħha bħalma naraw l-Amerka, mingħajr ma nsemmu n-naħiet rurali wisgħin tal-pajjiż.* | 7 |
| *"Waqt li nsuq il-karozza nista' ngawdi t-telefon ċellulari li jxandar minn fuq l-internet fl-istess waqt li jkolli għaddej is-serrvizz tal-mappa ta' Yahoo," qal Kim. "Nista' naqleb mill-wieħed għall-ieħor. Il-provi diġa` saru, il-kumpaniji se jibdew ibigħu dawn l-applikazzjonijiet għal nofs is-sena."* | 8 |

**It-Tieni Pass: Qabbel is-siltiet mal-ideat hawn taħt:**

a) Il-Korea t'Isfel hi qabel l-Istati Uniti grazzi għall-popolazzjoni densa u l-politka implimentata mill-gvern.

b) Applikazzjonijiet ġodda se jkunu għall-bejgħ daqt.

ċ) L-Amerikani jħarsu lejn in-naħa tal-Korea t'Isfel biex jieħdu idea ta' kif se jkun il-futur fil-qasam tat-teknoloġija.

d) Is-sistema tan-netwerk hi ħafna aħjar minn ta' bnasi oħra.

e) Għal raġunijiet diversi, huma aktar iffissati fuq it-telefons ċellulari tagħhom.

f) Il-Korea t'Isfel hi fuq quddiem nett fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

ġ) Għal raġunijiet diversi, il-Koreani huma aktar marbuta mal-mowbajls.

g) Iċ-ċokon tal-Korea t'Isfel u l-konċentrazzjoni tad-djar fl-ibliet tagħmilha eħfef biex tinstalla n-netwerks. Għalhekk l-ispejjeż jistgħu jintlaħqu aktar milli fl-Istati Uniti.

għ) Kważi tliet kwarti tal-Koreani għandhom broadband u mowbajl.

ħ) Il-Korea t'Isfel daret fuq dawn it-teknoloġiji biex tlaħħaq mal-kriżi finanzjarja

| extracts | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | |

**It-Tielet Pass: Erġa' aqra s-silta u qabbel kull kelma mal-ekwivalenti tagħha bil-Malti**

| | |
|---|---|
| • veloċita` immensa | ___ fuq medda ta' art |
| • figura | ___ mmur minn fuq wieħed għal ieħor |
| • taqbeż sew | ___ ħeffa kbira |
| • meqjus | ___ telgħeb |
| • idea | ___ ħarsa ħafifa |
| • biex isib tarf ta' | ___ ikkonsidrat |
| • mifruxa | ___ issolvi |
| • naqleb | ___ ċifra, numru |

**Ir-Raba' Pass: Il-Korea t'Isfel hi mqabbla mal-Istati Uniti. Islet elementi mis-silta biex tgħaqqad it-tabella.**

| L-Istati Uniti | Il-Korea t'Isfel |
|---|---|
| | *Xi Koreani t'Isfel jista' jkollhom sa 20 mega-bit ta' dejta kull sekonda* |
| *Ma jaqbżux it-13* | |
| | *Madwar 76 fil-mija tad-djar fil-Korea t'Isfel għandhom broadband* |
| *L-Istati Uniti għadhom kemm bdew messaġġi bil-miktub* | |
| | *M'hemm imkien fil-Korea fejn toqgħod bla ma tirċievi sinjal* |
| *L-Istati Uniti għadhom kemm bdew messaġġi bil-miktub* | |
| *Silicon Valley kien meqjus il-kapitali tat-teknoloġija għolja fid-dinja.* | |

## Taħriġ ta' Wara

**L-Ewwel Pass: Uża t-tqabbiliet fit-Tielet Pass biex tgħaqqad is-sentenzi hawn taħt bl-espressjoni "waqt li". Agħmel it-tibdiliet neċessarji.**

Eżempju:
Xi Koreani t'Isfel jista' jkollhom sa 20 megabit ta' dejta kull sekonda **waqt li** l-Amerikani għandhom xorti jirċievu 4 megabits is-sekonda.

1. M'hemm imkien fil-Korea fejn toqgħod bla ma tirċievi sinjal
………………………………………………………………………………………… .

2. …………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………., issa ħafna jqisu l-Korea t'Isfel qiegħda tirrenja. ……………………………….

3. Xi 75 fil-mija tal-Koreani t'Isfel għandhom mowbajl
……………………………………………………………………………………………………………………… .

4. Il-Korea t'Isfel qiegħda fuq quddiem fejn jidħol broadband …………………………………………
…………………………………………… .

5. L-Istati Uniti għadhom kemm bdew messaġġi bil-miktub …………………………………………
…………………………………………. .

6. Madwar 76 fil-mija tad-djar fil-Korea t'Isfel għandhom broadband ……………………………
…………………………………………………… .

**It-Tieni Pass: Ikteb kemm tiflaħ raġunijiet għax wieħed għandu jippreferi jgħix il-Korea t'Isfel flok l-Istati Uniti.**

……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………………………